**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr. Mario Cuschieri)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**-vs-**

**Valentyn MYKHNEVYCH**

**Illum 22 ta' Mejju, 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil Valentyn MYKHNEVYCH, ta' nazzjonalita' Ukrena, detentur tal-passaport Ukren bin-numru EK625128 aktar il-quddiem imsejjah l-estradant;

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* mahrug fuq talba tas-Sostituto Procuratore tal-Qorti ta' Siracusa gewwa l-Italja, pajjiz skedat a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), u l-Mandat ta' Arrest Ewropew datat l-10 ta' Mejju, 2017, mahrug mill-istess awtorita` fil-konfront tal-estradant, u wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 ta' l-istess Ordni mahrug fl-istess jum;

Wara li rat il-verbal ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-10 ta' Mejju, 2017;

Wara li spiegat lill-estradand l-import ta' l-Artikolu 43 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004;

Wara li semghet lill-estradand jiddikjara li huwa jaghti l-kunsens tieghu sabiex jintbaghat lura l-Italja u li huwa mhux qed jirrinunzja ghad-dritt ta' specjalità koncess ai termini ta' l-Artikolu 18 ta' l-Ordni fuq imsemmi;

Wara li gie assigurat li l-artikolu 43 ta' l-Ordni fuq imsemmi gie osservat;

Wara li rat l-artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta kif rez applikabbli bl-artikolu 44 ta' l-Ordni;

Tordna li ai temini tal-artikolu 45 ta' l-Ordni Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), l-estradant ghandu jinzamm taht arrest sabiex jitregga' lura lejn l-Italja fi zmien ghaxart ijiem millum.

Inoltre` a tenut tal-artikolu 73D ta' l-Ordni imsemmi, il-Qorti tordna li l-bastiment flimkien mal-oggetti kollha esebiti f'dawn il-proceduri jgħaddu lill-awtorità rikjedenti.

**MAGISTRAT**